KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliemalocalcouncil.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAS-SEBA' LEĠISLATURA - LAQGHA NUMRU 16

Is-sittax il-laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 21 ta' Marzu 2013 fit-18.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI | Anthony Chircop | Sindku |
| | Vivianne Galea Pace | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Mary Camilleri | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| UFFIĊĊJALI PREŻENTI | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| SKUZATI | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Għalkemm talab li jiġi skużat għal din is-seduta, il-Kunsillier M. Briguglio ressaq emmenda permezz ta' email li punt 4.1B għandha tinqara hekk 'Il-Kunsillier M. Briguglio żied li filwaqt li l-Kunsill għandu jibqa' joffri dawn il-korsijiet, il-post preżenti m'huwiex aċċessibbli għal persuni b'diżabilta minħabba li l-lift ma jaħdimx.' U fl-aħħar parti wara 'prezz irħas' jiżdiedu l-kliem 'u aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita'. *Korrezzjoni fil-minuti*

1.2 Il-Viċi Sindku nfurmat li kienet ġiet skużata mis-seduta fid-21.10 u talbet għal

din l-emmenda.

1.3 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 15_21_02_2012 hekk kif korretti. Il-Kunsilliera P. Portelli issekonda. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 15_21_03_2013*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-Viċi Sindku irreferiet għal punt 4.1 B fejn ġie nnotat li hemm bżonn li l-Kunsill jara post alternattiv għall-korsijiet *Life Long Learning*. Il-Kunsill qal li dak issa jiġi diskuss għall-korsijiet li jmiss. *Post għal korsijiet ta' Life Long Learning*

2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal punt 4.1 E dwar il-kotba ta' Winston Zammit u fakkar li importanti li jekk xi ħadd ikollu bżonn ta' ktieb jiġi innotat lill-amministrazzjoni. *Kotba W. Zammit*

2.3 Il-Viċi Sindku saqsiet dwar l-ezitu tal-appell dwar it-tender tal-knis. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal punt 2.6 u qal illi l-Bord irrakkomanda modifiki fit-tender u biex dan jerġa jinħareġ. Is-Segretarju qal li hemm bżonn li jinħareġ tender ieħor għal tindif fit-toroq. Il-Kunsill qabel u l-perjodu tal-avviż għandu jkun għal xahar. *Kuntratt tal-knis*

2.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-kont eċċessiv ta' l-ARMS dwar *id-drinking fountains* li kien diġa ġie diskuss. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas biss Euro 100 bi prottesta u Bla Preġudizzju fejn ninfurmaw b'dawn l-azzjonijiet lill-ARMS. *Kont tal-ARMS*

2.5 Il-Viċi Sindku saqsiet x'qiegħed isir bħalissa dwar il-ħasil tal-bins. Is-Segretarju qal li l-Kunsill tas-Sliema qatt ma kienx jaħsel il-bins. Dan ser jibda isir malli jingħata l-kuntratt il-ġdid tal-knis, peress li dan is-servizz huwa inkluż f'dan it-tender. *Tindif tal-bins*

2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka dwar punt 8.3 fejn il-GreenPak huma responsabbli mill-iskart riċiklat. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-ilmenti diġa tnaqqsu b'mod drastiku. Ġie nnotat li mill-1 ta' Mejju 2013 se jkun hemm tibdil fil-ħinijiet tal-ġbir ta' skart riċiklat u fil-festi pubbliċi l-iskart jinġabar xorta. Il-ħġieġ se jibda jinġabar darba fix-xahar. Ġie deċiż li għandu jiġi preparat flyer bid-dettalji kollha ġodda u jitqassam lir-residenti bieb bieb. *Green Pak*

2.7 Is-Sindku irrefera dwar l-applikazzjoni tas-Sur J. Vella rigward meter temporanju għad-dawl għall-gabbana tal-ġelati. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien għamel policy li dawn it-tip ta' permessi ma jingħataw lil ħadd. Ġie nnottat li dan il-każ wasal quddiem l-Ombudsman fejn qiegħed jippropni li dan għandu jingħata permezz temporanju, peress illi dan diġa kellhu tali permess meta kien jarma ix-Xatt. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li jekk hemm gabbani oħra li għandhom għandu jkollu permess kulħadd u taqbel mad-deċiżjoni tal-Ombudsman. *Permess temporanju għad-dawl għall-gabbana fix-Xatt*

2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-Kunsill ma jistax jallokalu post fiss minħabba

li dan huwa *hawker*. Is-Sindku qal li min-naħa l-Kunsill irid jimxi mal-parir tal-Ombudsman li jingħata permess temporanju u dan għaliex din hija eċċezzjoni peress li dan il-persuna diġa kellhu tali permess qabel il-policy ġdida tal-Kunsill. Ġie nnotat ukoll li dan ċaqalquh mil post li kellu minħabba li saret *bus lane* fix-Xatt mentri gabbani oħra ma ġewx affettwati. Il-Kunsillier J. Pillow qal li kellu xi ilmenti minn residenti minħabba li s-Sur Vella qiegħed juża *generator* li qiegħed jagħmel l-istorbju u kien hemm min talab li aħjar jekk ikollu permess temporanju tad-dawl.

2.9 Il-Kunsillier K. Busietta irrimarka li fl-istess il-ħin il-Kunsill għandu jitlob lill-Ombudsman biex jinvestiga lill-Transport Malta dwar kif ġew allokati postijiet lil *hawkers* b'mod permanenti, meta dan mhux suppost.

2.10 Is-Sindku fakkar li l-policy tal-Kunsill tibqa l-istess, voldieri li ma jagħti permess lil ħadd u li dan se jingħata biss minħabba li diġa kellhu permess qabel il-policy tal-Kunsill u b'hekk il-Kunsill ikun qiegħed biss jikkoreġi sitwazzjoni li sab ruħu fiha. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsa jekk il-Kunsill għandux jitkeb lil Enemalta biex l-permessi temporanji tax-Xatt jibdew jiġu l-Kunsill biex jiġġeddu. Il-Kunsill qabel.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-kontijiet ta' l-ARMS. Ġie nnotat li dawk huma għal tlett *drinking water fountains*.

3.2 Il-Kunsillier P. Portelli irrimarka dwar l-envelopes mingħand Agius Printing Press Ltd u saqsa jekk il-Kunsill iridx jixtri minn din il-kumpanija bilfors. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irid jixtri minn diversi kumpaniji biex b'hekk ma jaqbiżx l-ammont stipulat skont ir-regolamenti. Mandankollu l-Kunsill qabel li għandu jbiddel id-diżinn tal-letterhead, fejn nżidu ukoll l-website il-ġdida.

3.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-kont tal-AFS Ltd għaliex il-kont hu għoli sabiex tinxtgħel u tintefa l-pompa fi Pjazza Annunzjata. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għalkemm jaqbel ma li qal is-Sur Pillow, jara li huma l-AFS li jridu jagħmluha sakemm ma jridx li jieħu xi responsabbilita xi ħadd li jmur hu u ma ssirx ħsara lill-pompa.

3.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-kont tal-bollards fi Qui Si Sana. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill se jkun qiegħed jagħmel *claim* għal *refund* mal-Insurance.

3.5 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-kont ta' Philip Agius and Sons Ltd dwar il-*management plans* tax-xogħol li sar fi Triq il-Kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan ġie skedat għall-approvazjoni wara li ċċekja li kien skont ir-rata tat-tender.

3.6 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-kont ta' AV Warehouse dwar attivita li saret. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien ġabar stima pero fl-aħħar kellu jżid li tinġieb *gazebo* minħabba x-xita.

3.7 Is-Sindku ppropona li jiġu approvati il-pagamenti. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO-KUMITATI

4.1 Is-Sindku irrimarka dwar l-RPS fejn innota li l-pubbliku ma tantx fehem din l-iskema. Is-Sindku informa li l-Kunsill waqqaf bord u ġew stipulati xi proċeduri biex jinħarġu permessi ta' nies li huma residenti f'Tas-Sliema pero għal xi raġuni jew oħra ma nħariġx il-permess għalihom b'mod awtomatiku. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti ċans sakemm tibda s-sistema, għaliex innota li meta xi ħadd jiġi jistaqsi dwar l-iskema ikun fehem aħjar minn dak li jkun ħaseb. *RPZ*

4.2 Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris qalet li hemm bżonn li meta nintroduċu s-sistema nippreperaw 'warnings'.

*Il-Kunsillier N. Gauci ġie skużat li jitlaq mis-seduta.*

4.3 Il-Kunsill ġie nnotat li min April l-Kunsill għandu jgħati *warnings.*

4.4 Il-Kunsill qabel li għandu jkompli l-implimentazzjoni, u joħroġ il-permessi għal zona numru 2 u jrid jiddeċiedi liema toroq se jkunu.

4.5 Il-Kunsillier K. Busietta issuġġerixxa li għax-Xatt għandu jkun hemm parti waħda biss jew in-naħa tal-baħar jew in-naħa tal-*cafeterias* ma tidħolx fl-RPZ.

4.6 Kiem hemm qbil li zona 2 tkun in-naħa tal-Għassa tal-Pulizija. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv se jkunu qegħdin jaraw liema toroq se jkunu mgħażula dejjem skond l-Avviż Legali.

4.7 Il-Kunsillier P. Portelli qal li hemm bżonn li l-Kunsill joħrog flyer in point form u nispjegaw l-iskema kif taħdem. Kien hemm qbil dwar dan.

4.8 Kien hemm qbil li taħrikiet fuq din is-sistema jibdew jingħataw mill-ewwel ta' Mejju 2013.

4.9 Kien hemm qbil li l-Ħdud ikunu esklużi mis-sistema.

4.10 Dwar il-bins il-Kunsill qabel li għandu jiddeċiedi liema se jordna sa xagħar u nofs ieħor. *Bins*

4.11 Dwar it-tender tal-knis il-Kunsill qabel li l-accountant tal-Kunsill jiengħata l-inkarigu biex jaħdem il-punti tat-tender skond is-sistema MEAT kfi deskritta fit-tender. Sadanitant is-Segretarju Eżekuttiv għandu jsaqsi Kunsilli oħra dwar jekk ħarġux *default notices* lill-kuntratturi li tefgħu t-tender. *Tender tal-Knis*

4.12 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li se jinareġ tender b'*requirements* aktar ċari għal knis tat-toroq.

4.13 Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ tenders għas-servizzi ta' u ta' perit tal-Kunsill. *Tender – Perit u Avukat*

## 5. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

5.1 Is-Sindku qal li jixtieq juri apprezzament lill-Kunsill ta' din is-sena li għadu kif serva u lill-Kunsill il-ġdid li se jkompli jservi lir-residenti għall-dawn l-erba' snin.

*Il-Kunsilliera M. Camilleri ġiet skużata li titlaq mis-seduta fit-19.58*

***Kien hemm qbil li s-seduta tiġi sospiża temporanjament minħabba li kien hemm ir-rappreżentanti tal-proposta għall-Sliema Arts Festival 2013 li ġew biex jagħtu preżentazzjoni tal-proposta aktar konkreta.***

5.2 Wara l-proposta ġew diskussi dawn il-punti:

5.2a Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li fil-ġranet li qegħdin jipproponu jista jkun hemm l-attivita tal-Imnarja ta' San Girgor. Il-Kunsillier P. Portelli qal li l-Kunsill kien diġa qabel li ssir din l-attivita f'dawn id-dati. Qal ukoll li kien se jipproponi li l-Kunsill joħroġ sejħa 'Call for Events' u min hu interessat japplika għall-attivitajiet bejn Ġunju u Settembru 2013 jista jibgħat lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn l-aħħar ta' Mejju 2013. Il-Kunsill qabel ma dan u qabel ukoll li għandu jinforma lil San Girgor b'din l-attiviita li bi ħsiebu jorganizza l-Kunsill.

5.2b Kien hemm qbil ukoll li għal din l-attivita l-Kunsill se jalloka massimu ta' Ewro 10,000.

5.2c Il-Kunsillier J. Pillow saqsa min se jkun responsabbli dwar il-ħsarat li jistgħu jsiru fuq il-blat bħal meta tinħasel iż-żebgħa tal-Arti li tista tteba l-blat. Il-Kunsill għandu jitlob il-parir tal-Perit Edward Said dwar din il-possibilta.

5.3 Il-Kunsillier P. Portelli qal li fil-website il-ġdida l-Kunsill jista jkollu aċċess għal *live link* u l-laqgħat ikunu *streamed* u jkun hemm *blogs* għall-Kunsilliera. Kien hemm min ma qabilx dan apparti li l-Kunsill se jidħol fi spiża. Din għandha tiġi diskussa aktar fid-dettal fil-Kunsill li jmiss.

## 6. AĠĠORNAMENT

6.1 Ma kienx hemm aġġornament minħabba li din kienet l-aħħar seduta ta' din il-leġislatura. Is-seduta ntemmet fid-9 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum 23/04/2013

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**